MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MAGRI ALBERT J.

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2003

Citazzjoni Numru. 1972/1999/1

Patrick Cachia & Sons Limited

Vs

Mario Bonnici

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-10 ta’ Settembru 1999 li permezz taghha s-socjeta’ attrici wara li ppremettiet illi l-konvenut xtara diversi partiti ta’ xorb minerali, xorb iehor u prodotti ohra minghand il-kumpanija attrici; illi l-konvenut ghad baqghalu jhallas lill-kumpanija attrici l-bilanc komplessiv ta’ disat elef mitejn u tlett liri maltin u zewg centezimi (LM9,203.02) u dana skond ma jirrizulta mill-anness rendikont; illi l-istess konvenut recentement irrikonoxxa l-ammont indikati f’dan l-istess rendiknot; illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi ghal hlas tal-imsemmija somma ta' LM9,203.02 izda huwa baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza; talbet li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenut bhala debitur tal-kumpanija attrici fl-ammont ta’ LM9,203.02;
2. tikkundanna lill-konvenut biex jhallas lill-kumpanija attrici l-imsemmija somma oltre l-imghax.

Bl-ispejjes kollha inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokument ezebit mill-attur.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fil-25 ta’ Jannar 2000 li permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet tas-socjeta’ attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra taghha peress illi l-eccipjent mhuwiex debitur tas-socjeta’ attrici kif jirrizulta ahjar watq it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tal-15 ta’ Frar 2000 quddiem din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tat-12 ta’ April 2000 sabiex tigi trattata u deciza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti f’dawn il-proceduri kif ukoll dawk prodotti fil-kawza fl-ismijiet inversi Citazzjoni numru 129/2000 li mixja ma din il-kawza.
Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta’ Gunju 2002 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza bil-fakolta tan-noti tad-difensuri tal-partijiet, liema noti ma sarux.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:

Il-kwistjoni li tinsab quddiem din il-Qorti hija pjuttost wahda semplici u jidher li kemm f’din il-kawza kif ukoll dik li mixja maghha fl-ismijiet inversi, hemm certu nuqqas ta’ konjizzjoni tal-fatti proprji tal-kawza li ghalhekk wassal

biex il-partijiet jidhlu fi proceduri gudizzjarji bi spejjes legali zejda.

Fil-qosor jinghad li s-socjeta' attrici tagixxi bhala "*distributur*" tal-prodotti ta' socjeta' Farsons ghan-naha tan-nofsinhar ta' Malta. F'din il-kapacita' timpjega persuni biex jiehdu hsieb d-distribuzzjoni ta' dawn il-prodotti konsistenti f'xorb minerali u birra, lid-diversi hwienet. Barra minn hekk l-istess socjeta' attrici tagixxi ukoll bhala "go between" bejn is-socjeta' Farsons u persuni ohra, hekk insejjha "*klienti*" li jkollhom arrangamenti personali ma' Farsons b'sistema ta' "*discounts*" ghad-distribuzzjoni u bejgh tal-prodotti taghha fit-territorju in kwistjoni.

Il-konvenut kien ghamel zmien impjegat mas-socjeta' attrici kif ukoll jagixxi bhala "*klient*" ta' Farsons ghal jumejn fil-gimgha. F'dawn il-jumejn huwa kien jahdem bhala "*self employed*" u wara li jigbor l-prodotti minghand is-socjeta' attrici qua "distributur" ta' Farsons, kien jbiegh l-istess prodotti akkont tieghu u ta' dan l-intrigu kellu arrangament privat mas-socjeta' Farsons biex jinghata varji "*discounts*" fuq ir-"*range*" ta' prodotti li kien jispacca fuq is-suq.

Il-merkanzija, kif gja inghad, l-konvenut kien jirtiraha minghand is-socjeta' attrici u kien responsabbli lill-istess socjeta' attrici ghall-hlas taghha. izda jidher li l-kontijiet relattivi ghal din il-merkanzija kienu jinzammu mis-socjeta' Farsons li kienet iddahhal fil-computers taghha l-informazzjoni li kienet tinghata mid-distributur u cioe s-socjeta' attrici. Dana jirrizulta mix-xhieda prodotta kif ukoll mid-diversi "*invoices*" li gew ezebiti a fol 56 sa fol 66.

Is-socjeta' attrici qedha tghid li l-konvenut huwa debitur taghha fis-somma ta' LM9203.02 rappresentanti bilanc ta' merkanzija mghoddija lilu wara li dan gie akkreditat b'diversi pagamenti kif jirrizulta mid-dokument PC1 a fol 33 tal-process. Inoltre l-istess socjeta' qed isostni li l-konvenut irrikonoxxa dan id-debitu inkwantu hallas ammont akkont tieghu meta irritorna kwantita' ta' flixken vojta.

Da parti tieghu l-konvenut jichad b’mod kategoriku din il-pretensjoni tas-socjeta’ attrici billi jghid li hu ma ghandu jghatiha xejn, anzi, kif qed jinsisti fil-proceduri fl-ismijiet inversi fuq imsemmija, jghid li hu ghandu jiehu somma konsiderevoli rappresentanti kummissjonijiet. Dawn pero’ mhux mertu ta’ din il-kawza. Fir-rigward tal-pagament rappresentat minn flixken vojta l-konvenut jghid li dan huwa qatt ma ried jghamlu kontra l-ammont reklamat mis-socjeta’ attrici izda kellu jmur kontra l-kont ta’ Farsons (f’dan ir-rigward ara x-xhieda tal-attur (konvenut odjern) fil-proceduri fl-ismijiet inversi a fol 111 tal-process 129/2000). Ghalhekk il-konvenut jinsisti li dan il-pagament qatt ma seta’ jirrapresenta ammissjoni da parte tieghu tal-kreditu reklamat mis-socjeta’ attrici u l-firma tieghu ittiehdet b’qerq.

Il-kwistjoni tal-pagament rappresentat mill-flixken vojta u jekk dan jammontax ghall-ammissjoni jew le, mhux daqstant relevanti ghad-determinazzjoni tal-mertu. Infatti anke hawn jidher li hemm xi ftit konfuzjoni f’mohh il-konvenut stante li l-“*istatement*” tas-socjeta’ attrici u dak ta’ Farsons juru l-istess ammont “outstanding” mill-konvenut, u l-pagament ta’ LM245.32 (cioe valur ta’ vojt) jirrizulta mnaqqas mill-istatement ta’ Farsons. Minn qari akkurat tal-provi prodotti ghandu jinghad li filwaqt li l-pretensjoni attrici hija sopportata u sorretta bid-dettalji kollha li wiehed jistenna li jsib fi statement of account, bl-“*invoice number*”, id-data tal-konsenja, l-ammont involut, il-pagamenti kollha li saru akkont bid-dati u numru ta’ cheques rispettivi, b’tali mod li l-konvenut seta’ facilment jikkontrolla dak li qed jinghad mis-socjeta’ attrici u jivverifika l-invoices u l-pagamenti, jidher li l-istess konvenut, apparti suspetti u allegazzjonijiet vani fil-konfront tad-dirigenti tas-socjeta’ attrici, ma ressaq l-anqas l-ickenn prova in sostenn tal-eccezzjoni tieghu li hu ma ghandu jhallas xejn. Il-konvenut qatt ma cahad l-konsenji li jidhru fl-istatement. Jallega li hu ma kienx jkun presenti meta kien jitghabba t-truck tieghu u Cachia seta’ ghamel li ried. Din hija allegazzjoni malizjuza u fl-assenza ta’ rova tirrifletti biss fuq in-nuqqas tal-konvenut li jiehu hsieb in-negozju tieghu. Pero’ jigi rilevat li l-konvenut jinsisti li kollox kien jsir fuq element ta’ fiducja. Ghalhekk

kif jista’ issa jallega qerq da parti tal-persuna li tant kellu fiducja fiha.

Il-konvenut seta’ facilment gjab provi in sostenn tal-eccezzjoni tieghu bhal per ezempju “*Bank statements*” biex juri li huwa ghamel aktar pagamenti milli jinghad fl-istatement. Seta’ ukoll ressaq impjegati tas-socjeta’ attrici biex jara jekk dawn kienux jabbu merkanzija anqas milli kienet tigi debitata lilu. Il-konvenut pero’ f’dan ir-rigward naqas bl-aktar mod ovvju billi ma ressaq lill-hadd. L-uniku tentattiv ta’ prova tal-konvenut kienet l-ezibizzjoni tar-ricerki minn fejn  ma jirrizulta xejn fl-attiv tieghu u arrangamenti mal-bank ghall-overdraft fejn terza persuna qghaditlu garanti ‘in parte’. Dawn fil-fehma tal-Qorti ma jikkostitwux prova konkluziva.  Il-konvenut ghalhekk ma jistax jippretendi li din il-Qorti taccetta l-allegazzjonijiet tieghu biex b’hekk tichad t-talba attrici. U billi din tidher gustifikata ser tigi milqugha.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa’ t-talbiet attrici, tiddikjara lill-konvenut debitur tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ disat elef mitejn u tlett liri maltin u zewg centezimu (LM9,203.02), dovuta kif fuq inghad u tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici l-ammont hekk dovut mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

Bl-ispejjes kollha kontra l-konvenut.

Onor Imhallef Albert J. Magri